MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru 121/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**vs**
**Benjamin Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Benjamin Farrugia** ta' 52 sena, bin Paul u Carmela nee' Formosa, mwieled Sliema nhar l-10 ta' Settembru, 1952, residenti fi 'Fred Flats', Flat 1, Triq Wied Glavan, Xghajra, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 899652(M);

talli f'dawn il-Gzejjer matul Dicembru, 2004 u Jannar 2005, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom,

u cioe' cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;

kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, inqast li tgharraf lill-Pulizija fi zmien g imgha li c-cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli gew fil-pussess tieghek minkejja li kont taf li kienu misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

u aktar talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, matul Dicembru 2004 u Jannar 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifikajt cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzuz minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra fflasifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-Gvern;

u aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni f'atti awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu minn atti, kitba jew skrittura falza;

u aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe' cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' Joseph Spiteri mill-Iklin, Albert Muscat minn Hal-Luqa u Thomas Gatt minn Haz-Zabbar;

u b'hekk ksirt il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Artikolu 22 tal-Kap 446) meta kkommettejt reat iehor wara li nghatajt sentenza fejn gejt illiberat taht kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Frar, 2003.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-24 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-arikolu 334, 334A, 18, 167, 169, 183, 184, 189, 308 sa 310 tal-Kap 9, 21 u 22 tal-Kap 446 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet inizzjata fuq istanza tal-privat wara li certu Joseph Spiteri kien irraporta lill-Pulizija illi l-imputat kien xtara ammont ta’ oggetti fil-valur ta’ hamsin lira maltin u kien hallas permezz ta’ *cheque* ta’ mitejn lira u ghalhekk kien tah il-bqija f’kontanti. Dan kien *cheque* ta’ terz mahrug favur l-imputat li iggirah favur l-kwerelant. Tlett ijiem wara, l-imputat rrikorra ghand il-kwerelant u ghal ragunijiet urgenti talbu li jsarraflu *cheque* ta’ elf lira u l-istess kwerelant ikkonkorra billi tah flus kontanti hlief ghall-tlett mija u sittin lira li taghhom tah *cheque* iehor. Din id-darba l-imputat ma iggirix ic-*cheque* u meta l-kwerelant mar isarraf l-ewwel wiehed, dan kien rifjutat ghaliex il-firma ma kienitx taqbel ma’ dik tal-possessur tal-kont bankarju. Wara li l-imputat kien intraccat mill-Pulizija, huwa ammetta dan il-qerq u informa lill-Pulizija li kien ukoll qarraq bl-istess mod b’certu Albert Muscat u Thomas Gatt. Fil-kaz ta’ Albert Muscat, l-imputat kien xtara minghandu biljetti U-Bet fl-ammont ta’ tletin lira maltin u hallas permezz ta’ *cheque* aggirat fl-ammont ta’ mitejn lira bil-bqija moghtija lura lilu in kontanti. L-ghada kien xtara b’ghoxrin lira maltin u hallas b’*chque* ta’ tlett mitt lira. Thomas Gatt, propretarju ta’ *grocery* ghadda mill-istess haga din id-darba b’*cheque* ta’ mija u erbghin lira u iehor ta’ hames mitt lira. L-imputat kien iffirma stqarrija (Dok AG8 fol 21 u 22) fejn kien ammetta dan kollu u kkopera ulterjorment billi stqarr minn fejn kien akkwista dawk ic-*cheques*;

Illi l-vittmi kollha ta’ dan l-incident ikkonfermaw il-fatti kif esposti mill-prosekuzzjoni. L-istess prosekuzzjoni tellghet bhala xhud lil certu Joseph Ellul li xehed li c-*cheques* Dok AG 1 sa AG 7 huma minn zewg c*heque books* tieghu li kien insterqulu mill-vettura tieghu flimkien ma’ oggetti ohra u kkonferma li ma kien harighom favur hadd u anqas biss jaf lill-imputat. Graziella Camenzuli ikkonfermat illi c-*cheque* numru 742 li jinsab kompriz fl-esebiti AG 1 sa AG 7 a fol 20 huwa mic-*cheque book* taghha intestat favur Benny Farrugia izda l-kitba u l-firma ma kienux taghha kif ukoll li dak il-kont kien maghluq;

Joseph Spiteri rega xehed f'Mejju tas-sena 2009 u ddikjara li l-imputat hallsu parti mill-ammont lilu dovut u fadallu jtih hames mitt euro.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll l-prova tal-identita tal-imputat kwantu s-sentenza li dwarha hu akkuzat li kiser kondizzjoni imposta fuqu billi l-Ispettur Joseph Cordina pprezenta kopja tas-sentenza Il-Pulizija vs Benjamin Farrugia deciza 3/2/2003 per Onor. Mag. Dr. Carol Peralta u kkonferma li l-imputat huwa l-istess wiehed msemmi f'din is-sentenza.

Illi rinfacjata b'dawn il-provi inekwivoki u inkontestati l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni pruvat illi l-imputat kien akkwista minghand terz, *cheques* li kienu rappurtati misruqa, liema *cheques* kienu sussegwentement ultilizzati minnu biex akkwista b'mod indebitu flus u oggetti in kambju u a detriment ta' persuni u li biex ghamel hekk huwa rrikorra ghal-falsifikazzjoni tal-firma tas-sidien tal-kontijiet bankarji u gieghel lil haddiehor jemmen bl-ezistenza ta' hwejjeg li ma kienux vera u ghamel qligh bid-dannu ta' tali persuni u ghalhekk qed tghaddi biex issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli, 334, 334A, 18, 167, 169, 183, 184, 189, 308 sa 310 tal-Kap 9, 21 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn mil-lum, liema terminu jikkomprendi l-piena dwar is-sentenza tat-3 ta' Frar, 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------